MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1234/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**-omissis-**
**Anna Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 1234/11**

**Illum 10 ta' Dicembru, 2012**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Anna Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` numru 168957(M).

Akkuzata talli:

Bejn Marzu 1999 u Frar 2002 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta' *Oak Tree Company Limited*, approprjijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma ta' €74,931.28, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fejn irregistrat ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha; u
Semghet ix-xhieda ta' Connie Azzopardi ghad-Dipartiment tal-VAT li ddikjarat li l-ammont kollu li kien dovut thallas pjenament.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputata Anna Mifsud hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------